

Interoperabbiltà u sigurtà ferrovjarja u l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea: ftehim mal-Parlament

Fis-17 ta' Ġunju 2015, il-presidenza Latvjana tal-Kunsill għamlet arranġament proviżorju mal-Parlament Ewropew dwar ir-regoli l-ġodda biex **jittjiebu l-interoperabbiltà u s-sigurtà tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-ferroviji Ewropej**. Ir-riforma tagħti wkoll **kompiti ġodda lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (ERA)**. Iż-żewġ direttivi u r-regolament flimkien jagħmlu l-**pilastru tekniku tar-raba' pakkett ferrovjarju**.

Għall-Kunsill, il-ftehim għad irid jiġi kkonfermat mill-istati membri. Il-presidenza ser tinforma lill-ambaxxaturi tal-istati membri dwar l-eżitu tat-trilogu finali fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) fl-24 ta' Ġunju. Il-Coreper ser jeżamina t-testi maqbula fit-30 ta' Ġunju għal approvazzjoni.

Il-ftehim intlaħaq fid-disa' laqgħa tat-trilogu mal-Parlament. Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu f'dawn in-negojzati f'Ġunju 2014.

- [Proposti tekniċi](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press